MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta ta' l-14 ta' April, 2015

Citazzjoni Numru. 112/2013

**STIVALA OPERATORS LIMITED** (C – 23860)

vs

**CONTINENTAL CARS LIMITED** (C – 2840)

## Il-Qorti:

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fil-5 ta' Frar, 2013, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, il-kumpannija attriċi talbet li din l-Qorti (i) ssib, jekk meħtieġ billi taħtar perit, li l-vettura tal-għamla *Volkswagen Touran* reġistrata bin-numru FLY018 mibjugħa lilha mill-kumpannija mħarrka kellha difett li ma jidhirx u li jagħmel li l-vettura ma kenitx tajba għall-użu li għalih kienet maħsuba jew li jnaqqas daqshekk il-valur tagħha li hija

ma kenitx tixtriha b'dak il-prezz jew kienet toffri prezz anqas li kieku kienet taf b'dak id-difett; u (ii) tikkundanna lill-kumpannija mħarrka troddilha lura s-somma ta' tmienja u għoxrin elf u ħames mitt euro (€28,500) li huwa l-prezz li hija ħallset lill-kumpannija mħarrka bħala prezz tax-xiri tal-imsemmija vettura. Talbet ukoll l-ispejjeż u l-imgħaxijiet legali minn dak inhar u żammet sħaħ il-jeddijiet tagħha kontra l-kumpannija mħarrka kemm dwar id-depożitu tal-vettura u kif ukoll dwar il-ħlasijiet tal-liċenza b'rabta mal-istess;

Rat id-degriet tagħha tat-18 ta' Frar, 2013, li bih ordnat in-notifika tal-atti lill-kumpannija mħarrka u tat direttivi lill-kumpannija attriċi dwar it-tressiq tal-provi min-naħa tagħha;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa mill-kumpannija mħarrka fit-18 ta' Marzu, 2013, li biha laqgħet għal din l-azzjoni billi, b'mod preliminari, qalet li l-azzjoni waqgħet bl-għeluq taż-żmien ta' sitt (6) xhur maħsub fl-artikolu 1431 tal-Kodiċi Ċivili u dan billi, minn dokument imressaq mill-kumpannija attriċi nnifisha mar-Rikors Maħluf tagħha, jidher li kienet ilha sa minn Novembru tal-2011 li ntebħet bid-difett li issa qiegħda tilminta minnu. Fil-mertu laqgħet billi ċaħdet li l-vettura minnha mibjugħa lill-kumpannija attriċi kienet tassew milquta b'difett li ma jidhirx, tant li l-istess kumpannija attriċi għamlet żmien twil taħdem biha u tellgħet għadd qawwi ta' kilometri f'medda ta' użu f'sena u nofs. Tgħid li l-vettura baqgħet tintuża mill-kumpannija attriċi u għadha sallum fil-pussess tagħha. Għalhekk, tiċħad li hemm raġuni tajba għaliex il-kuntratt ta' bejgħ tal-vettura għandu jitħassar u li għandu jintradd lura l-prezz imħallas;

Rat id-degriet tagħha tat-18 ta' April, 2013[1], li bih ordnat li f'dan l-istadju tas-smigħ tal-kawża kienet sejra tisma' provi u t-trattazzjoni tal-eċċezzjoni preliminari tal-kumpannija mħarrka u tagħti s-sentenza dwarha qabel kull ħaġ'oħra;

Semgħet ix-xhieda mressqa mill-partijiet dwar l-imsemmija eċċezzjoni;

Rat id-degriet tagħha tal-20 ta' Novembru, 2013[2], li bih u fuq talba tal-partijiet, tathom żmien biex iressqu s-sottomissjonijiet tagħhom bil-miktub dwar l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-kumpannija mħarrka fl-14 ta' Jannar, 2014[3]

[1] Paġ. 17 tal-proċess
[2] Paġ. 56 tal-proċess

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-kumpannija attriċi fis-27 ta' Jannar, 2014[4], bi tweġiba għal dik tal-kumpannija attriċi;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degriet tagħha tal-20 ta' Frar, 2014, li bih ħalliet il-kawża għas-sentenza dwar l-imsemmija eċċezzjoni preliminari;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni redibitorja. Il-kumpannija attriċi (minn issa 'l quddiem imsejħa "Stivala") tgħid li wara li xtrat vettura mingħand il-kumpannija mħarrka (minn issa 'l quddiem imsejħa "Continental") saret taf li din kienet milquta minn difett li ma setax jitneħħa. Hija tgħid li d-difett li kellha l-vettura kien wieħed moħbi u jnaqqas daqshekk il-valur tagħha li, kieku kienet taf bih, ma kenitx tixtriha . Trid li, filwaqt li fi ħsiebha tiddepożita l-vettura, jintraddilha lura l-prezz li hija ħallset biex xtratha u li jinħall il-kuntratt tal-bejgħ;

Illi Continental laqgħet għal din l-azzjoni billi, b'mod preliminari, qalet li l-azzjoni ta' Stivala waqgħet bl-għeluq taż-żmien ta' sitt xhur maħsub fl-artikolu 1431 tal-Kodiċi Ċivili. Laqgħet ukoll b'eċċezzjonijiet fil-mertu billi ċaħdet li l-vettura mibjugħa kienet tassew milquta minn difett mistur tant li għal żmien twil Stivala ħadmet bl-istess vettura fuq firxa ta' żmien u wżatha għax-xogħol li għalih kienet xtratha, u baqgħet iżżommha għandha u tużaha minkejja li kienet taf li kellha lment;

Illi din is-sentenza qiegħda tingħata dwar l-eċċezzjoni preliminari dwar jekk l-azzjoni attriċi waqgħetx għax inbdiet wara ż-żmien mogħti mil-liġi;

Illi mill-<u>fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża</u> sa issa jirriżulta li Stivala xtrat vettura ġdida tal-għamla *Volkswagen Touran* mingħand Continental fit-8 ta' Lulju, 2011, u dan taħt il-patti u l-kundizzjonijiet miftehma[5]. Il-bejgħ sar bil-prezz ta' tmienja u għoxrin elf u ħames mitt euro (€ 28,500), li elfejn euro (€ 2,000) minnhom tħassu bħala depożitu akkont tal-prezz dakinhar li sar il-ftehim u l-bilanċ kellu jitħallas malli Stivala tieħu f'idejha l-vettura. Stivala tgħid li l-vettura xtratha biex tkun tista' ġġorr impjegati

[3] Paġġ. 59 sa 61 tal-proċess
[4] Paġġ. 62 – 7 tal-proċess
[5] Dok "A", f'paġ. 4 tal-proċess

tagħha[6]. Kienet titħaddem regolarment u tinsaq minn xufiera impjegati ta' Stivala[7];

Illi Stivala ħadet pussess tal-vettura fid-19 ta' Lulju, 2011, u ħalliet riċevuta lil Continental li kienet ħaditha f'kundizzjoni tajba ħlief għal xi nuqqas fil-ġewwieni tagħha[8]. Dakinhar ħallset il-bilanċ li kien fadal mill-prezz maqbul;

Illi f'Novembru tal-2011, Continental eżaminat il-vettura fuq ilment ta' Stivala (fis-sewwa, minn xufiera mpjegati minnha) li fil-karozza kien qiegħed jinstema' ħoss qawwi ta' innokkjar ("*pinking sound*") fin-naħa tal-makna meta tiżdidilha l-veloċita' hi u tinsaq. Fl-aċċertamenti li saru mit-tekniku mqabbad minn Continental[9], dan il-ħoss qawwi nstema' meta l-vettura kienet tilħaq il-marka ta' bejn elf u tmien mija u elfejn *rpm*. Stivala tgħid li dan il-problema baqa' ma ssolviex u lmentat aktar minn darba ma' Continental dwar dan imma, minkejja bosta tentativi, ma tneħħiex, u għall-kuntrarju, tgħid li Continental għarrfitha li lanqas il-manufattur ma kellu soluzzjoni għall-problema. Wara ftit taż-żmien il-vettura bdiet taħraq iż-żejt b'rata ogħla minn dak mistenni. Stivala tgħid ukoll li r-rapport li nħareġ mit-tekniku ta' Continental f'Novembru tal-2011 intbagħtilha l-ewwel darba fl-20 ta' Awwissu, 2012[10];

Illi minħabba li d-difett baqa' ma ssewwiex u l-laqgħat li saru ma wasslu għall-ebda soluzzjoni, Stivala iddepożitat il-vettura f'remissa dakinhar li fetħet il-kawża u bdiet titlob lil Continental tħassar il-kuntratt;

Illi l-aħħar darba li Stivala ħadet il-vettura għand Continental għas-"*service*" kien fil-11 ta' Ottubru, 2012[11];

Illi fi Frar tal-2013, Stivala fetħet din il-kawża;

Illi l-Qorti sejra tgħaddi biex tqis l-<u>aspetti ta' dritt li jirrigwardaw l-eċċezzjoni preliminari</u> li għandha quddiemha. Ladarba Stivala għażlet ir-rimedju redibitorju, li huwa wieħed mir-rimedji mogħti lix-xerrej mil-liġi, l-konsiderazzjonijiet li jridu jsiru huma tabilfors marbutin mas-sura ta' rimedju ġudizzjarju li hija fittxet;

Illi l-eċċezzjoni preliminari ta' Continental hija mibnija fuq dak li jipprovdi l-artikolu 1431 tal-Kodiċi Ċivili li, b'riferenza għall-bejgħ ta' ħaġa mobbli,

---

[6] Affidavit ta' Michael Stivala f'paġ. 16 tal-proċess
[7] Xhieda ta' Michael Stivala 18.6.2013, f'paġġ. 19 – 20 tal-proċess
[8] Dok "A1", f'paġ. 5 tal-proċess
[9] Ara Dok "B", f'paġ. 6 tal-proċess
[10] Xhieda ta' Michael Stivala 18.6.2013, f'paġġ. 23 – 4 tal-proċess
[11] Ara Dok "RBX", f'paġ. 40 tal-proċess

jagħti żmien ta' sitt (6) xhur lix-xerrej biex iressaq l-azzjoni tiegħu fejn jirriżulta li l-ħaġa kienet milquta minn difett li ma jidhirx. F'dan il-każ, minħabba li l-kuntratt ta' bejgħ kien ta' vettura, jgħodd iż-żmien dwar ħwejjeġ mobbli;

Illi huwa prinċipju mħaddem u aċċettat li min iqajjem il-preskrizzjoni ta' azzjoni mibdija kontrih, jaqa' fuqu li jipprova, fl-ewwel lok, li tkun tgħodd għall-każ il-preskrizzjoni eċċepita u wkoll li jkun għadda inutilment iż-żmien maħsub għal preskrizzjoni bħal dik qabel ma tkun inbdiet il-kawża. Min-naħa l-oħra, l-parti attriċi tista' dejjem twaqqa' l-eċċezzjoni billi ġġib provi li l-parti li tqanqal il-preskrizzjoni setgħet, b'xi għamil tagħha, irrinunzjat għaliha jew li kien hemm xi ċirkostanza li kisret il-mixja ta' preskrizzjoni bħal dik;

Illi, fis-sewwa, huwa meqjus li ż-żmien maħsub fl-artikolu 1431 mhuwiex daqstant żmien preskrittiv daqs kemm wieħed ta' dekadenza[12], b'mod li l-azzjoni trid tinbeda sa ma jagħlaq dak iż-żmien u ma jistax jitwal bil-ħruġ ta' att ġudizzjarju[13] maħsub biex iwaqqaf iż-żmien milli jkompli jgħaddi u dan sewwasew għaliex iż-żmien imsemmi fl-artikolu 1431 mhuwiex żmien ta' preskrizzjoni. Madankollu, f'każ li l-bejjiegħ jagħraf l-eżistenza tad-difett riskontrat mix-xerrej jew jintrabat li jara jirranġahx, hemm il-fehma li ż-żmien tad-dekadenza jitwaqqaf u jerġa' jibda mill-ġdid b'"obbligazzjoni awtonoma ġdida, novattiva ta' dik l-obbligazzjoni oriġinarja tal-garanzija"[14] li timxi mal-eżistenza tad-difetti mistura. Hija ħaġa ċerta li ż-żmien meħud fi trattativi ta' transazzjoni li fihom il-bejjiegħ ma jaċċettax li l-ħaġa hija milquta mid-difett li minnu jilminta x-xerrej ma jwaqqafx iż-żmien ta' dekadenza li tagħti l-liġi[15];

Illi madankollu, fejn l-azzjoni tkun waħda mibnija fuq id-difett mistur, iż-żmien imsemmi biex tinbeda l-azzjoni jibda jgħaddi minn dak inhar li x-xerrej seta' jkun li huwa jikxef id-difett[16] jekk kemm-il darba jkun uża dehen ordinarju li bih seta' jintebah[17]. U fejn il-ħaġa mixtrija tkun ta' sura tali li ma jkunx possibli li x-xerrej jintebah b'xi difett moħbi jekk mhux meta jseħħu xi ċirkostanzi partikolari, iż-żmien imsemmi f'dak l-artikolu ma jibdiex jgħaddi qabel ma sseħħ xi ċirkostanza bħal dik, minkejja li jkun għadda żmien twil mix-xiri u l-konsinna tal-ħaġa[18]. Minbarra dan, l-imsemmi żmien jgħaddi minn dak inhar li jirriżulta d-difett moħbi u mhux

---

[12] Ara, b'eżempju, Kumm. **26.3.1976** fil-kawża fl-ismijiet ***Emanuel Cauchi vs Francis Portelli noe*** (mhix pubblikata) u P.A. **6.7.1982** fil-kawża fl-ismijiet ***Antoinette Baldacchino vs Charles Baldacchino Lia*** (mhix pubblikata)
[13] P.A. TM **9.6.2005** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Vella noe vs Anthony Migneco et***
[14] P.A. PS **3.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Emanuel Fava vs Prof. John Mamo et noe et*** (mhix appellata)
[15] App. Ċiv. **6.10.1999** fil-kawża fl-ismijiet ***Anton Grima vs Anthony Fenech noe*** (mhix pubblikata)
[16] Art. 1431(2) tal-Kap 16
[17] P.A. **1.10.1982** fil-kawża fl-ismijiet ***Carmelo Paċe vs Joseph Paċe*** (mhix pubblikata)
[18] Kumm. **7.3.1950** fil-kawża fl-ismijiet ***Tanti vs Cassar noe*** (Kollez. Vol: **XXXIV.iii.779**)

minn dak inhar li l-ħaġa mixtrija tibda turi li fiha xi nuqqas[19]. Dan il-prinċipju jgħodd ukoll għall-każ ta' azzjoni redibitorja[20];

Illi, min-naħa l-oħra, s-sejba tad-difett mistur trid tkun waħda effettiva u sħiħa "fis-sens li x-xerrej ikollu ċ-ċertezza objettiva, u mhux is-sempliċi suspett, tad-difett"[21];

Illi fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha ħareġ li Stivala xtrat il-vettura f'Lulju tal-2011 u sa minn Novembru kienet ressqet ilment ma' Continental dwar il-ħsejjes li kienet tagħmel il-makna meta wieħed itellgħalha l-veloċita'. Ħareġ ukoll, madankollu, li kien biss lejn l-aħħar ta' Lulju, 2012 u Continental, wara li tkellmet mal-manufattur tal-vettura barra minn Malta, waslet għall-fehma li n-nuqqas ma kienx jista' jissewwa. Kien f'dan iż-żmien li Continental għarrfet b'dan lil Stivala;

Illi l-Qorti ma tistax ma tgħidx li Stivala mhijiex xerrej ordinarju fis-sens bħal meta persuna privata tixtri karozza għall-użu tagħha, iżda hija kumpannija li tikri l-karozzi u tuża bosta vetturi biex twettaq in-negozju tagħha. Dan ifisser li Stivala, aktar minn xerrej privat, taf tagħraf li vettura jkollha ħsara u x'għandha tagħmel meta joħorġu nuqqasijiet fil-flotta ta' vetturi tagħha. Mill-provi mressqa, ħareġ li Stivala baqgħet tuża l-vettura mertu tal-każ regolarment u qegħditha b'depożitu biss dakinhar li fetħet din il-kawża. Ħareġ ukoll li hija saret taf formalment li d-difett ma kienx jista' jissewwa f'Awwissu tal-2012;

Illi fis-sottomissjonijiet tagħha Continental tisħaq ħafna fuq l-argument li l-liġi ma tgħidx li ż-żmien jibda għaddej minn dak inhar li x-xerrej isir fil-fatt jaf bid-difett moħbi, imma minn dak inhar li **seta'** jsir jaf bih. B'dan il-mod, tgħid li Stivala messha ntebhet b'dak li kien qed jiġri fil-vettura hekk kif ħarġu l-ewwel sinjali li hija lmentat minnhom magħha ftit xhur biss wara li xtrat il-vettura;

Illi kieku ma kienx għaċ-ċirkostanzi li għadhom kemm issemmew, il-Qorti kienet tasal biex tilqa' l-argument ta' Continental fid-dawl ukoll tal-ġurisprudenza dwar il-każ[22]. Iżda fil-każ li għandha quddiemha, ma jistax jingħad li Stivala tista' tassew titqies li kellha mqar suspett format teknikament li n-nuqqas li seta' kellha l-vettura kien wieħed li kien juri li l-vettura kienet milquta b'difett li ma kienx jidher max-xiri. Il-Qorti fliet sewwa l-provi dokumentali mressqa mir-rappreżentant tal-istess

[19] App. Kumm. **21.10.1977** fil-kawża fl-ismijiet ***Dr. Charles J. Xuereb vs John Attard et noe*** (mhix pubblikata)
[20] App. Ċiv. **18.10.1963** fil-kawża fl-ismijiet ***Muscat Baldacchino vs Vincenti Kind noe*** (Kollez. Vol: **XLVII.i.556**)
[21] App. Kumm. **9.6.1969** fil-kawża fl-ismijiet ***Emanuel Florian vs Rosario Desira*** (mhix pubblikata)
[22] App. Ċiv. **15.12.1997** fil-kawża fl-ismijiet ***Dimech vs Xuereb et*** (Kollez. Vol: **LXXXI.ii.968**)

Continental[23], għaliex dawn jagħtu l-ġrajja fidila ta' dak li sar minn meta Stivala xtrat il-vettura sa ma "nqatgħet il-kundnanna". Minn dawn id-dokumenti joħroġ li l-ewwel darba li Continental tirreġistra t-tqanqil min-naħa ta' Stivala tal-ilment dwar il-ħsejjes fil-makna kien fil-31 ta' Lulju, 2012[24]. Kien biss meta Continental tatha l-aħbar li ma kienx hemm x'wieħed jagħmel aktar li Stivala saret taf b'ċertezza li jekk tabilħaqq kien hemm nuqqas fil-vettura dan kien wieħed li ma jitneħħiex. Kien minn hemm li d-*dies scientiae* fix-xerrej kien stabilit, għaliex kien minn hemm li d-difett kien aċċertat[25]. Allura, kien minn hemm 'il quddiem li Stivala riedet tagħmel l-għażla tagħha dwar ir-rimedju li kellha tfittex kontra Continental;

Illi billi Stivala fetħet il-kawża f'anqas minn sitt xhur minn meta nħareġ l-imsemmi tagħrif mingħand Continental, joħroġ li x-xerrej bdiet il-kawża fiż-żmien li tagħtiha l-liġi u għalhekk l-Qorti ma ngħatax raġunijiet tajbin biżżejjed biex tilqa' l-ewwel eċċezzjoni preliminari. Dan ma jfissirx, kif donnha targumenta Stivala, li l-Qorti qiegħda b'xi mod tgħid li l-vettura kienet milquta minn difett mistur, jew li kien hemm difett ta' serjeta' jew entita' tali li jsejjes minn issa l-azzjoni (redibitorja) magħżula minn Stivala. Dak huwa eżerċizzju li jolqot il-mertu tal-azzjoni u li l-Qorti għadha trid tqisu wara li jitressqu quddiemha l-provi kollha mill-partijiet u, jekk sejjer ikun il-każ, tara l-fehma tal-esperti tekniċi li tista' taħtar waqt is-smigħ tal-kawża;

Ghal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tiċħad l-ewwel eċċezzjoni** preliminari tal-kumpannija mħarrka u dan billi ma ntweriex li l-kumpannija attriċi fetħet il-kawża wara li kien għalqilha ż-żmien mogħti lilha mil-liġi fl-għamla ta' azzjoni magħżula minnha, **bl-ispejjeż** kontra l-istess kumpannija mħarrka; u

**Tordna** li s-smigħ tal-kawża jitkompla bil-ġbir tal-provi fil-mertu.

## < Sentenza In Parte >

[23] Dokti "RBX" u "RBY", f'paġġ. 28 sa 40 tal-proċess
[24] Dok "RBX", f'paġ. 32 tal-proċess
[25] App. Kumm. **18.10.1963** fil-kawża fl-ismijiet ***Baldacchino vs Vincenti Kind*** (Kollez. Vol: **XLVII.i.556**)

---------------------------------TMIEM---------------------------------